REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/66

tat-13 ta' Jannar 2025

li japplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2024 minħabba s-sajd eċċessiv ta' stokkijiet oħra fis-snin ta' qabel u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2407

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 105(1), (2), (3) u (5) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2023 ġew stabbiliti bir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2022/2090 ([2]), (UE) 2023/194 ([3]) u (UE) 2023/195 ([4]).

(2) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2024 ġew stabbiliti bir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2023/194, (UE) 2023/2638 ([5]), (UE) 2024/257 ([6]) u (UE) 2024/259 ([7]).

(3) Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd li kienu allokati lilu, il-Kummissjoni trid tnaqqas il-kwoti tas-sajd futuri ta' dak l-Istat Membru.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2407 ([8]) stabbilixxa tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet tal-ħut fl-2024 minħabba s-sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel.

(5) Madankollu, għal ċerti Stati Membri, jiġifieri d-Danimarka, Spanja, in-Netherlands, il-Polonja u l-Portugall, ċertu tnaqqis ma setax isir bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2407 mill-kwoti tas-sajd allokati għall-istokkijiet mistada b'mod eċċessiv, għaliex il-kwoti għal dawn l-istokkijiet mhumiex disponibbli għal dawk l-Istati Membri fis-sena 2024.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2090 tas-27 ta' Ottubru 2022 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku, u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ibħra oħrajn (ĠU L 281, 31.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2090/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/194/oj).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 tat-30 ta' Jannar 2023 dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 220, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/195/oj).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/2638 tal-20 ta' Novembru 2023 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2024 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L, 2023/2638, 22.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2638/oj).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 (ĠU L, 2024/257, 11.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/257/oj).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/259 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (ĠU L, 2024/259, 11.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/259/oj).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2407 tat-13 ta' Settembru 2024 li japplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2024 minħabba s-sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel (ĠU L, 2024/2407, 16.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2407/oj).

(6) L-Artikolu 105(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprevedi li, meta ma jkunx jista' jsir tnaqqis b'rabta mal-istokk mistad b'mod eċċessiv fis-sena ta' wara dik li fiha jkun sar sajd eċċessiv minħabba li l-Istat Membru kkonċernat ma jkollux kwota disponibbli għal dak l-istokk tal-ħut, jista' jsir tnaqqis b'rabta ma' stokkijiet oħra fl-istess żona ġeografika jew bl-istess valur kummerċjali, wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri kkonċernati.

(7) Skont il-punt 4 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar linji gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 ([9]) ("il-Linji Gwida") tali tnaqqis preferibbilment jenħtieġ li jsir mill-kwoti allokati għall-istokkijiet mistada mill-istess flotta li tkun wettqet sajd eċċessiv mill-kwota.

(8) L-Istati Membri kkonċernati ġew ikkonsultati fir-rigward ta' ċertu tnaqqis mill-kwoti tas-sajd allokati għal stokkijiet oħrajn minbarra dawk li ġew mistada b'mod eċċessiv. Għalhekk, jixraq li jsir tnaqqis minn dawk il-kwoti tas-sajd alternattivi allokati lil dawk l-Istati Membri fl-2024.

(9) F'ċerti każijiet, l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd konklużi f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]) ippermettew tnaqqis sħiħ jew parzjali mill-istess stokkijiet fil-qafas tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2407.

(10) Barra minn hekk, jidher li ċertu tnaqqis previst bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2407 jeċċedi l-kwoti adattati disponibbli fis-sena 2024 u, b'riżultat ta' dan, ma jistax isir kollu f'dik is-sena. F'dawk il-każijiet, skont il-punt 2 tal-Linji Gwida, it-tnaqqis sar sal-limitu sħiħ tal-kwota disponibbli u l-ammonti li jifdal jenħtieġ li jitnaqqsu mill-kwota adattata disponibbli fis-snin sussegwenti sakemm jitħallas lura l-ammont sħiħ ta' sajd eċċessiv.

(11) Fl-2023, il-Ġermanja qabżet il-kwota tagħha għal speċijiet oħra fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 (OTH/1N2AB.) b'1,320 tunnellata. Barra minn hekk, jibqa' tnaqqis ta' 19,997 tunnellata wara s-sajd, mill-Ġermanja, li qabeż il-kwota tagħha tal-OTH/1N2AB. fl-2022, f'konformità mal-punt 2 tal-Linji Gwida. Permezz tal-posta elettronika datata l-1 ta' Lulju 2024, il-Ġermanja talbet li t-tnaqqis dovut, jiġifieri l-21,317 tunnellata, jitqassam fuq tliet snin. Meta jitqies li, f'konformità mal-punt 3(b) tal-Linji Gwida, ħlas lura aktar bil-mod jista' jkun eċċezzjonalment possibbli meta l-istokk ikkonċernat jinqabad f'sajd imħallat u telf sinifikanti tal-kwota jipprevjeni l-isfruttament tal-ispeċijiet assoċjati f'dik il-qabda tas-sajd imħallat, din it-talba tista' tiġi aċċettata. Għalhekk, it-tnaqqis annwali applikabbli għall-kwota Ġermaniża tal-OTH/1N2AB. jammonta għal 7,106 tunnellata fl-2024 u fl-2025 u għal 7,105 tunnellata fl-2026, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe adattament ulterjuri tal-kwota.

(12) Wara bidliet fid-definizzjoni taż-żona tal-istokkijiet stabbilita fir-Regolament (UE) 2024/257, it-tnaqqis applikabbli għad-Danimarka għas-sajd eċċessiv tal-merluzz tal-linja sewda fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 3a (HAD/*03 A-C) fis-sena 2023 issa jenħtieġ li jiġi applikat fuq il-kwota tal-2024 għall-merluzz tal-linja sewda fiż-żona 3a (HAD/*03 A.).

(13) Il-punt 1 tal-Linji Gwida jiddikjara li, fejn applikabbli, l-iskeda taż-żmien għat-tnaqqis f'każ li tinqabeż waħda mill-kwoti għall-istokkijiet ġestiti mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd trid tiġi adattata għall-iskeda taż-żmien għat-tnaqqis ta' dawn l-istokkijiet stabbilita fl-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ikkonċernati. Ir-Rakkomandazzjoni 22-03 tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) għall-konservazzjoni tal-pixxispad tat-Tramuntana tal-Atlantiku ([11]) tipprevedi li kwalunkwe qbiż tal-kwota annwali aġġustata fis-sena 2023 irid jitnaqqas mill-kwota/mil-limitu tal-qbid għall-2025. Abbażi ta' dan, it-tnaqqis — inkluż dak li jirriżulta minn fatturi ta' multiplikazzjoni applikabbli — minħabba s-sajd eċċessiv fl-2023 għall-istokk tal-pixxispad fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N (SWO/AN05N), ġestit mill-ICCAT, jenħtieġ li jiġi applikat fl-2025. Konsegwentement, it-tnaqqis stabbilit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2407 minħabba s-sajd eċċessiv fl-2023, mill-Portugall, tal-kwota tiegħu għal SWO/AN05N jenħtieġ li jsir fuq il-kwota tiegħu għall-2025. Barra minn hekk, it-tnaqqis li għandu jsir minħabba s-sajd eċċessiv, fl-2023, minn Franza tal-kwota allokata lil "Stati Membri oħra" — inkluża Franza — esklużivament għall-qabdiet aċċessorji tal-pixxispad fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N (SWO/AN05N_AMS) jenħtieġ li jsir fuq il-kwota allokata lil Franza għall-2025.

([9]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar linji gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u li tissostitwixxi l-Komunikazzjoni 2012/C 72/07 (2022/C 369/03) (ĠU C 369, 27.9.2022, p. 3).

([10]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj).

([11]) Ir-Rakkomandazzjoni 22-03 tal-ICCAT li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni supplimentari 21-02 li testendi u temenda r-Rakkomandazzjoni 17-02 għall-konservazzjoni tal-pixxispad tat-Tramuntana tal-Atlantiku (https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2022-03-e.pdf).

(14) Bl-istess mod, ir-Rakkomandazzjoni 19-05 tal-ICCAT li tistabbilixxi programm ta' restawr għall-marlin blu [12] tipprevedi li kwalunkwe qbiż tal-limiti annwali tal-ħatt l-art stabbiliti għas-sena 2023 irid jitnaqqas mil-limiti tal-ħatt l-art matul l-2025. Għalhekk, jenħtieġ li jsir it-tnaqqis stabbilit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2407 minħabba s-sajd eċċessiv fl-2023, minn Spanja, tal-kwota tagħha għall-istokk tal-marlin blu fl-Oċean Atlantiku (BUM/ATLANT) fuq il-kwota tagħha għall-2025.

(15) Fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2407, sar żball tipografiku fir-rigward tal-ammont tat-tnaqqis applikabbli minħabba s-sajd eċċessiv, mill-Polonja, tal-kwota għall-kavall fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 3a, 3b, 3c u 3d; l-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a; l-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit taż-żona 4; l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 2a u 4a (MAC/2A34-N). L-ammont li jrid jitnaqqas jenħtieġ li jinqara 636,225 minflok 636,275 tunnellata.

(16) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2407 jiġi emendat kif xieraq.

(17) Jista' jkun hemm aktar aġġornamenti jew korrezzjonijiet kemm-il darba jinstabu żbalji, ommissjonijiet jew rappurtar ħażin fiċ-ċifri tal-qbid li l-Istati Membri jiddikjaraw skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, kemm fl-eżerċizzji attwali kif ukoll f'dawk ta' qabel.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tas-sajd stabbiliti għas-sena 2024 fir-Regolamenti (UE) 2023/194, (UE) 2023/2638, (UE) 2024/257 u (UE) 2024/259, imsemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jitnaqqsu billi jiġi applikat it-tnaqqis fuq l-istokkijiet alternattivi stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2407 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

[12] Ir-Rakkomandazzjoni 19-05 tal-ICCAT biex jiġu stabbiliti programmi ta' restawr għall-marlin blu u għall-marlin abjad/il-pastardella imperjali (https://www.iccat.int/Documents/Recs/compendiopdf-e/2019-05-e.pdf).

ANNESS I

TNAQQIS MILL-KWOTI TAS-SAJD GĦAS-SENA 2024 LI JRID JIĠI APPLIKAT FUQ STOKKIJIET ALTERNATTIVI

STOKKIJIET MISTADA B'MOD EĊĊESSIV							STOKKIJIET ALTERNATTIVI					
Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwantità li ma tistax titnaqqas mill-kwota tas-sajd għall-2024 għall-istokk mistad b'mod eċċessiv (f'tunnellati)		Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwantità li trid titnaqqas mill-kwota tas-sajd għall-2024 għall-istokkijiet alternattivi (f'tunnellati)
DNK	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	4,288		**DNK**	HER	1/2-	Aringa	L-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali taż-żoni 1 u 2	4,288
ESP	HAD	1N2AB.	Merluzz tal-linja sewda	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	125,133		**ESP**	HER	1/2-	Aringa	L-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali taż-żoni 1 u 2	12,131
								RED	N3O.	Sebasti	Iż-żona 3O tan-NAFO	129,887
ESP	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	117,194		**ESP**	RED	N3O.	Sebasti	Iż-żona 3O tan-NAFO	100,947
ESP	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	14,306		**ESP**	HER	1/2-	Aringa	L-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali taż-żoni 1 u 2	14,306
ESP	SOL	7HJK.	Lingwata komuni	7h, 7j u 7 k	18,682		**ESP**	SRX	67AKXD	Rebekkini u raj	L-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żoni 6a, 6b, 7a-c u 7e-k	18,682

STOKKIJIET MISTADA B'MOD EĊĊESSIV							STOKKIJIET ALTERNATTIVI					
Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwantità li ma tistax titnaqqas mill-kwota tas-sajd għall-2024 għall-istokk mistad b'mod eċċessiv (f'tunnellati)		Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwantità li trid titnaqqas mill-kwota tas-sajd għall-2024 għall-istokkijiet alternattivi (f'tunnellati)
NLD	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	13,060		**NLD**	HER	1/2-	Aringa	L-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali taż-żoni 1 u 2	13,060
POL	MAC	2A34-N.	Kavall	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 3a, 3b, 3c u 3d; L-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a; L-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit taż-żona 4; L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 2a u 4a	636,225		**POL**	HER	3D-R30	Aringa	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-subdiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32	636,225
PRT	GHL	1N2AB.	Ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	64,738		**PRT**	RED	N3O.	Sebasti	Iż-żona 3O tan-NAFO	59,529
PRT	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	18,012		**PRT**	RED	N3O.	Sebasti	Iż-żona 3O tan-NAFO	25,391

ANNESS II

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2407 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"TNAQQIS MILL-KWOTI TAS-SAJD GĦAS-SENA 2024 GĦALL-ISTOKKIJIET MISTADA B'MOD EĊĊESSIV

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwota oriġinali għall-2023 (f'tunnellati)	Ħatt l-art permess għall-2023 (Kwantità adattata totali f'tunnellati) (1)	Qabdiet totali li saru fl-2023 (kwantità f'tunnellati)	Il-konsum tal-kwota relatat mal-ħatt l-art permess għall-2023	Sajd eċċessiv relatat mal-ħatt l-art permess għall-2023 (kwantità f'tunnellati)	Fattur ta' multiplikazzjoni (2)	Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni (3), (4)	Tnaqqis pendenti mis-sena/snin ta' qabel (5) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2024 (6) u għas-snin ta' wara (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2024 għall-istokkijiet mistada b'mod eċċessiv (7) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2024 għall-istokkijiet alternattivi (kwantità f'tunnellati)	Li jrid jitnaqqas mill-kwoti tas-sajd għall-2025 u għas-sena/snin ta' wara (kwantità f'tunnellati)
DE	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	89,000	89,000	90,320	101,48 %	1,320	/	/	19,997	21,317	7,106	/	14,211 (8)
DK	HAD	*03 A-C (9)	Merluzz tal-linja sewda	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 3a (9) (kundizzjoni speċjali għal HAD/2AC4.)	249,500	271,800	325,598	119,79 %	53,798	1,00	C	/	80,697	80,697	/	/
DK	HAD	03 A.	Merluzz tal-linja sewda	3a	2 892,000	2 682,402	2 732,065	101,85 %	49,663	/	C (10)	/	49,663	49,663	/	/
DK	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	4,288	Mhux applikabbli	4,288	1,00	/	/	4,288	/	4,288	/
DK	WHB	1X14	Stokkafixx	L-ilmijiet tar-Renju Unit, dawk tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14	61 646,000	77 238,647	82 097,607	106,29 %	4 858,960	/	/	/	4 858,960	4 858,960	/	/
ES	ALB	MED	Alonga tal-Mediterran	Il-Baħar Mediterran	103,030	133,030	135,312	101,72 %	2,282	/	/	/	2,282	2,282	/	/

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwota oriġinali għall-2023 (f'tunnellati)	Ħatt l-art permess għall-2023 (Kwantità adattata totali f'tunnellati) ([1])	Qabdiet totali li saru fl-2023 (kwantità f'tunnellati)	Il-konsum tal-kwota relatat mal-ħatt l-art permess għall-2023	Sajd eċċessiv relatat mal-ħatt l-art permess għall-2023 (kwantità f'tunnellati)	Fattur ta' multiplikazzjoni ([2])	Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ([3]), ([4])	Tnaqqis pendenti mis-sena/snin ta' qabel ([5]) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2024 ([6]) u għas-snin ta' wara (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2024 għall-istokkijiet mistada b'mod eċċessiv ([7]) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għall-2024 għall-istokkijiet alternattivi (kwantità f'tunnellati)	Li jrid jitnaqqas mill-kwoti tas-sajd għall-2025 u għas-sena/snin ta' wara (kwantità f'tunnellati)
ES	BUM	ATLANT	Marlin blu	L-Oċean Atlantiku	22,770	49,770	55,108	110,72 %	5,338 ([11])	1,00	/	/	Mhux applikabbli ([11])	Mhux applikabbli ([11])	/	5,338
ES	COD	1N2AB.	Bakkaljaw	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	2 321,000	2 562,590	2 562,586	100,00 %	– 0,004 ([12])	/	/	60,063	60,063	60,063	/	/
ES	GHL	N3LMNO	Ħalibatt ta' Greenland	3LMNO tan-NAFO	4 162,000	4 607,124	4 666,576	101,29 %	59,452	/	/	/	59,452	59,452	/	/
ES	HAD	1N2AB.	Merluzz tal-linja sewda	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	2,636	86,058	3 264,72 %	83,422	1,00	A	/	125,133	/	Ekwivalenti għal 125,133	/
ES	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	78,129	Mhux applikabbli	78,129	1,00	A	/	117,194	/	Ekwivalenti għal 117,194	/
ES	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	14,306	Mhux applikabbli	14,306	1,00	/	/	14,306	/	14,306	/
ES	RJU	8-C.	Raja ondjata	l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 8	10,000	10,000	12,138	121,38 %	2,138	1,00	/	/	2,138	0,032	/	2,106
ES	RJU	9-C.	Raja ondjata	l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9	15,000	20,000	24,008	120,04 %	4,008	1,00	/	1,348	5,356	5,356	/	/

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwota oriġinali ghall-2023 (f'tunnellati)	Ħatt l-art permess ghall-2023 (Kwantità adattata totali f'tunnellati) ([1])	Qabdiet totali li saru fl-2023 (kwantità f'tunnellati)	Il-konsum tal-kwota relatat mal-ħatt l-art permess ghall-2023	Sajd eċċessiv relatat mal-ħatt l-art permess ghall-2023 (kwantità f'tunnellati)	Fattur ta' multiplikazzjoni ([2])	Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ([3]) , ([4])	Tnaqqis pendenti mis-sena/snin ta' qabel ([5]) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd ghall-2024 ([6]) u ghas-snin ta' wara (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd ghall-2024 ghall-istokkijiet mistada b'mod eċċessiv ([7]) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd ghall-2024 ghall-istokkijiet alternattivi (kwantità f'tunnellati)	Li jrid jitnaqqas mill-kwoti tas-sajd ghall-2025 u ghas-sena/snin ta' wara (kwantità f'tunnellati)
ES	SOL	7HJK.	Lingwata komuni	7h, 7j u 7k	/	2,500	15,458	618,32 %	12,958	1,00	C	/	19,437	0,755	18,682	/
ES	SOL	8AB.	Lingwata komuni	8a u 8b	6,000	7,000	19,988	285,54 %	12,988	1,00	C	/	19,482	0	/	19,482
FR	GHL	1N2AB.	Ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	16,600	20,889	125,84 %	4,289	1,00	/	/	4,289	4,289	/	/
FR	HAD	1N2AB.	Merluzz tal-linja sewda	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	150,000	171,060	179,080	104,69 %	8,020	/	/	/	8,020	8,020	/	/
FR	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	36,000	36,000	44,547	123,74 %	8,547	1,00	/	/	8,547	8,547	/	/
FR	RJE	7FG.	Raja għewejna	7f u 7 g	24,000	10,701	23,296	217,70 %	12,595	1,00	/	/	12,595	12,595	/	/
FR	SWO	AN05N_A-MS	Pixxispad	L-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N	129,840 ([13])	129,840 ([13])	161,053	124,03 %	31,213 ([11])	1,00	/	/	Mhux applikabbli ([11])	Mhux applikabbli ([11])	/	31,213
IT	ARA	GF19-21	Gamblu blu u aħmar	Is-subżoni ġeografiċi 19-20-21 (il-Baħar Jonju)	250,000	250,000	259,823	103,93 %	9,823	/	/	/	9,823	9,823	/	/
NL	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	21,593	34,653	160,48 %	13,060	1,00	/	/	13,060	/	13,060	/

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwota oriġinali ghall-2023 (f'tunnellati)	Ħatt l-art permess ghall-2023 (Kwantità adattata totali f'tunnellati) (1)	Qabdiet totali li saru fl-2023 (kwantità f'tunnellati)	Il-konsum tal-kwota relatat mal-ħatt l-art permess ghall-2023	Sajd eċċessiv relatat mal-ħatt l-art permess ghall-2023 (kwantità f'tunnellati)	Fattur ta' multiplikazzjoni (2)	Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni (3), (4)	Tnaqqis pendenti missena/snin ta' qabel (5) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd ghall-2024 (6) u ghas-snin ta' wara (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd ghall-2024 ghall-istokkijiet mistada b'mod eċċessiv (7) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd ghall-2024 ghall-istokkijiet alternattivi (kwantità f'tunnellati)	Li jrid jitnaqqas mill-kwoti tas-sajd ghall-2025 u ghas-sena/snin ta' wara (kwantità f'tunnellati)
PL	MAC	2A34-N	Kavall	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 3a, 3b, 3c u 3d; L-ilmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a; L-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit taż-żona 4; L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 2a u 4a	/	/	254,490	Mhux applikabbli	254,490	2,00	A	/	636,225	/	636,225	/
PT	BET	ATLANT	Tonn obeż	L-Oċean Atlantiku	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	184,048 (14)	184,048 (14)	184,048 (14)	/	/
PT	GHL	1N2AB.	Ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	64,738	Mhux applikabbli	64,738	1,00	/	/	64,738	/	Ekwivalenti għal 64,738	/
PT	JAX	08C.	Sawrell	8c	188,000	100,000	101,605	101,60 %	1,605	/	/	/	1,605	0	/	1,605
PT	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	18,012	Mhux applikabbli	18,012	1,00	/	/	18,012	/	Ekwivalenti għal 18,012	/
PT	SWO	AN05N	Pixxispad	L-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	50,792 (15)	50,792 (15)	50,792 (15)	/	/
PT	SWO	AN05N	Pixxispad	L-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N	1 155,830	1 930,090	1 966,680	101,90 %	36,590 (11)	/	/	/	Mhux applikabbli (11)	Mhux applikabbli (11)	/	36,590

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem iż-żona	Kwota oriġinali ghall-2023 (f'tunnellati)	Ħatt l-art permess ghall-2023 (Kwantità adattata totali f'tunnellati) (1)	Qabdiet totali li saru fl-2023 (kwantità f'tunnellati)	Il-konsum tal-kwota relatat mal-ħatt l-art permess ghall-2023	Sajd eċċessiv relatat mal-ħatt l-art permess ghall-2023 (kwantità f'tunnellati)	Fattur ta' multiplikazzjoni (2)	Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni (3), (4)	Tnaqqis pendenti mis-sena/snin ta' qabel (5) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd ghall-2024 (6) u ghas-snin ta' wara (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd ghall-2024 ghall-istokkijiet mistada b'mod eċċessiv (7) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd ghall-2024 ghall-istokkijiet alternattivi (kwantità f'tunnellati)	Li jrid jitnaqqas mill-kwoti tas-sajd ghall-2025 u ghas-sena/ snin ta' wara (kwantità f'tunnellati)
PT	SRX	89-C.	Rebekkini u raj	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 8 u 9	1 696,000	1 551,000	1 573,265	101,44 %	22,265	/	/	/	22,265	22,265	/	/

(1) Il-kwoti disponibbli ghal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar l-opportunitajiet tas-sajd wara li jitqiesu l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, it-trasferimenti tal-kwoti mill-2022 ghall-2023 f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali ghal tmexxija minn sena ghal sena tal-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1996/847/oj) jew mal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, ir-riallokazzjoni u t-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(2) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Ghandu japplika tnaqqis ekwivalenti ghas-sajd eċċessiv * 1,00 fil-każijiet kollha tas-sajd eċċessiv ta' 100 tunnellata jew inqas.

(3) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u dment li s-sajd eċċessiv ikun jaqbeż l-10 %.

(4) L-ittra "A" tindika li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 minhabba s-sajd eċċessiv konsekuttiv fl-2021, fl-2022 u fl-2023. L-ittra 'C' turi li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 ghaliex l-istokk huwa soġġett ghal pjan pluriennali.

(5) Il-kwantitajiet li jifdal mis-sena/snin ta' qabel.

(6) It-tnaqqis li ghandu jsir fl-2024.

(7) It-tnaqqis li ghandu jsir fl-2024 li jista' jsir fir-realtà meta wieħed iqis il-kwota disponibbli fit-23 ta' Settembru 2024.

(8) Li jrid jinfirex matul is-snin 2025 (7,106 tunnellata) u 2026 (7,105 tunnellata) wara t-talba tal-Ġermanja li t-tnaqqis ta' 21,317 tunnellata previst fl-2024 jinfirex b'mod ugwali fuq perjodu ta' tliet snin (2024, 2025 u 2026).

(9) Li jrid jitnaqqas mill-kwota ghall-merluzz tal-linja sewda fiż-żona 3a (HAD/*03 A.) wara bidla fil-kodiċi tal-istokk u fid-definizzjoni taż-żona.

(10) Il-fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ma jkunx applikabbli peress li s-sajd eċċessiv ma jaqbiżx l-10 % tal-ħatt l-art permess.

(11) Li jrid jitnaqqas fl-2025 f'konformità mar-Rakkomandazzjoni rilevanti tal-ICCAT.

(12) Peress li l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 mhuwiex applikabbli ghal dan l-istokk, din il-kwantità mhux użata ma tistax tintuża biex jitbaxxa t-tnaqqis previst fl-2024.

(13) Kwota tal-qabdiet aċċessorji disponibbli ghal "Stati Membri ohra" fosthom Franza.

(14) Minhabba s-sajd eċċessiv fl-2022 f'konformità mal-iskeda taż-żmien ghat-tnaqqis stabbilita bir-Rakkomandazzjoni 22-01 mill-ICCAT li tistabbilixxi li l-qbiż tal-limitu tal-qbid annwali ghat-tonn obeż fl-2022 ghandu jitnaqqas mil-limitu tal-qbid annwali ghall-2024.

(15) Minhabba s-sajd eċċessiv fl-2022 f'konformità mal-iskeda taż-żmien ghat-tnaqqis stabbilita bir-Rakkomandazzjoni 22-03 mill-ICCAT li tistabbilixxi li kwalunkwe qbiż tal-kwota annwali aġġustata fl-2022 ghandu jitnaqqas mil-limitu rispettiv tal-kwota/tal-qbid ghall-2024."